KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fit-23 ta' Frar 2016 [1]

Kawża C-117/15

Reha Training Gesellschaft für Sport- und Unfallrehabilitation mbH
vs
Gesellschaft für musikalische Aufführungs- und mechanische Vervielfältigungsrechte (GEMA)

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Köln (qorti reġjonali ta' Köln, il-Ġermanja)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni — Kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2001/29/KE u 2006/115/KE — Interpretazzjoni tal-kunċett ta' 'komunikazzjoni lill-pubbliku' — Xandir ta' programmi televiżivi fil-bini ta' ċentru ta' riabilitazzjoni"

1. Permezz tad-domandi preliminari tagħha, il-Landgericht Köln (qorti reġjonali ta' Köln) tixtieq tistabbilixxi jekk sitwazzjoni bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn l-operatur ta' ċentru ta' riabilitazzjoni jinstalla, fil-bini tiegħu, apparati ta' televiżjoni, li lilhom jittrażmetti sinjal li jippermetti r-riċezzjoni ta' programmi televiżivi mill-pazjenti tiegħu, tikkostitwixxix "komunikazzjoni lill-pubbliku" fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni [2], u tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali [3], u jekk il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", kif intiż minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, għandux jiġi interpretat b'mod uniformi.

2. Dawn id-domandi qed jiġu magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' tilwima bejn Reha Training Gesellschaft für Sport- und Unfallrehabilitation mbH (iktar 'il quddiem "Reha Training"), li topera ċentru ta' riabilitazzjoni u Gesellschaft für musikalische Aufführungs- und mechanische Vervielfältigungsrechte (iktar 'il quddiem "GEMA"), li hija inkarigata mill-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur fil-qasam mużikali fil-Ġermanja, fir-rigward tar-rifjut għall-ħlas tat-tariffi fuq id-drittijiet tal-awturi u drittijiet relatati, marbuta mat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' xogħlijiet protetti fil-bini ta' Reha Training.

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha diversi opportunitajiet sabiex tinterpreta l-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", kunċett li hija tinterpreta b'mod wiesa'. Għal din ir-raġuni hija stabbilixxiet erba' kriterji ta' evalwazzjoni, jiġifieri l-eżistena ta' "att ta' komunikazzjoni" fejn ir-rwol tal-utent huwa indispensabbli, il-komunikazzjoni tax-xogħol protett lil "pubbliku", in-natura "ġdida" ta' dan il-pubbliku u n-natura ta' "qligħ" tal-komunikazzjoni.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230.

3 — ĠU L 376, p. 28.

4. Din il-kawża toffri lill-Qorti tal-Ġustizzja l-possibbiltà li tfakkar u li tikkjarifika l-ġurisprudenza tagħha fir-rigward.

5. F'dawn il-konklużjonijiet, ser nispjega fl-ewwel lok, ir-raġunijiet li għalihom inqis li l-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" għandu jiġi ddefinit fid-dawl tal-istess kriterji, kemm fir-rigward ta' dak intiż fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 jew dak fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115.

6. Ser nindika, sussegwentement, għalfejn, f'sitwazzjoni bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 jistgħu t-tnejn jiġu applikati.

7. Ser nesponi, fl-aħħar nett, ir-raġunijiet li għalihom, fl-opinjoni tiegħi, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 għandhom jiġu interpretati fis-sens li sitwazzjoni bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn l-operatur ta' ċentru ta' riabilitazzjoni jinstalla, fil-bini tiegħu, apparati ta' televiżjoni, li lilhom jittrażmetti sinjal li jippermetti r-riċezzjoni ta' programmi televiżivi mill-pazjenti tiegħu, tikkostitwixxi "komunikazzjoni lill-pubbliku".

I – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

1. Id-Direttiva 2001/29

8. Il-premessi 9, 20 u 23 tad-Direttiva 2001/29 huma redatti kif ġej:

"(9) Kull armonizzazzjoni tad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati għandha tkun bażata fuq livell għoli ta' protezzjoni, għar-raġuni li dawn id-drittijiet huma kruċjali għall-kreazzjoni intellettwali. Il-protezzjoni tagħhom tgħinhom jiżguraw it-tkomplija u l-iżvilupp tal-kreattivita fl-interessi ta' l-awturi, artisti, produtturi, konsumaturi, kultura, industrija u l-pubbliku in ġenerali. Proprjetà intellettwali ġiet għalhekk rikonoxxuta bħala parti integrali ta' proprjetà.

[...]

(20) Din id-Direttiva hija bbażata fuq prinċipji u regoli diġà stipulati fid-Direttivi preżentement fis-seħħ f'dan il-qasam, b'mod partikolari [id-Direttiva tal-Kunsill KEE/92/100 tad-19 ta' Novembru 1992, dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali [4], kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 93/98/KEE tad-29 ta' Ottubru 1993 [5]] u tiżviluppa dawk il-prinċipji u regoli u tpoġġihom fil-kuntest tas-soċjetà ta' l-informazzjoni. Id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dawn id-Direttivi, kemm-il darba ma jkunx hemm provdut mod ieħor f'din id-Direttiva.

[...]

4 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 120.

5 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 141.

(23) Din id-Direttiva għandha tarmonizza aktar id-dritt ta' l-awtur li jikkomunika mal-pubbliku. Dan id-dritt għandu jiftiehem f'sens wiesa' li jirregola l-komunikazzjoni kollha lill-pubbliku mhux preżenti fil-post fejn toriġina l-komunikazzjoni. Dan id-dritt għandu jirregola kull trasmissjoni jew trasmissjoni mill-ġdid bħal din ta' xogħol lill-pubbliku b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, inkluż ix-xandir. Dan id-dritt m'għandu jirregola l-ebda att ieħor."

9. L-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva jistabbilixxi:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-awturi bid-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu kull komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħolijiet tagħhom, bil-fili jew mezzi mingħajr fili, inklużi li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku x-xogħolijiet tagħhom b'mod li membri tal-pubbliku jistgħu jkollhom aċċess għalihom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom".

10. L-Artikolu 12(2) tal-imsemmija direttiva jistabbilixxi:

"Protezzjoni ta' drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur skond din id-Direttiva għandhom ikunu bla ħsara u m'għandhom bl-ebda mod jaffettwaw il-protezzjoni tad-drittijiet ta' l-awtur".

2. Id-Direttiva 2006/115

11. Skont il-premessa 3 tad-Direttiva 2006/115:

"Il-protezzjoni adegwata tax-xogħlijiet bid-drittijiet ta' l-awtur u l-materja tal-protezzjoni ta' drittijiet relatati bi drittijiet ta' kiri u self kif ukoll il-protezzjoni tal-materja tal-protezzjoni tad-drittijiet relatati bid-dritt ta' l-iffissar, bid-dritt ta' distribuzzjoni, bid-dritt ta' xandir u komunikazzjoni lill-pubbliku jistgħu [...] ikunu kkunsidrati bħala ta' importanza fundamentali għall-iżvilupp ekonomiku u kulturali tal-Komunità".

12. L-Artikolu 8(2) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu dritt biex jiżguraw li jitħallas ħlas uniku ekwu mill-utent, jekk jintuża fonogramm ippubblikat għall-finijiet kummerċjali, jew tintuża riproduzzjoni ta' dan il-fonogramm, għax-xandir b'mezzi mingħajr fili jew għal kull komunikazzjoni lill pubbliku, u biex jiżguraw li dan il-ħlas jitqassam bejn l-artisti u l-produtturi tal-fonogramm relevanti. L-Istati Membri jistgħu, fin-nuqqas ta' ftehim bejn l-artisti u l-produtturi tal-fonogramm, jistipulaw il-kondizzjonijiet għat-tqassim ta' dan il-ħlas bejniethom".

13. Id-Direttiva 2006/115 ikkodifikat u ħassret id-Direttiva 92/100 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self. L-Artikoli 8 ta' dawn iż-żewġ direttivi huma identiċi.

B – *Id-dritt Ġermaniż*

14. L-Artikolu 15(2) tal-liġi dwar id-dritt tal-awtur u drittijiet relatati [Gesetz über Urheberrecht und verwandte Schutzrechte (Urheberrechtgesetz)], tad-9 ta' Settembru 1965[6], fil-verżjoni tagħha applikabbli fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, jistabbilixxi:

"L-awtur għandu [...] id-dritt esklużiv li jikkomunika x-xogħol tiegħu lill-pubbliku taħt forma immaterjali (dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku). Id-dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku jinkludi b'mod partikolari:

1. id-dritt ta' preżentazzjoni, ta' eżekuzzjoni u ta' rappreżentazzjoni (Artikolu 19);

2. id-dritt tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku (Artikolu 19a);

3. id-dritt tax-xandir (Artikolu 20);

4. id-dritt ta' komunikazzjoni bl-użu ta' mezzi viżivi jew awdjo (Artikolu 21);

5. id-dritt ta' komunikazzjoni permezz ta' xandiriet bir-radju u tat-tqegħid tagħhom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku (Artikolu 22)".

15. L-Artikolu 15(3) ta' din il-liġi jinqara kif ġej:

"Il-komunikazzjoni ssir pubblika meta tkun immirata lejn numru kbir ta' membri tal-pubbliku. Tifforma parti mill-pubbliku kwalunkwe persuna li ma hijiex marbuta b'relazzjonijiet personali ma' min jippromwovi x-xogħol, jew ma' persuni oħra li jirċievu x-xogħol jew li għandhom aċċess għalih taħt forma immaterjali."

II – **Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

16. Iċ-ċentru ta' riabilitazzjoni li Reha Training topera jippermetti lil persuni li jkunu sfaw vittmi ta' inċidenti sabiex jibbenefikaw, fil-bini tagħha, minn trattament li jippermetti r-riabilitazzjoni tagħhom wara l-operazzjoni.

17. Dawn iċ-ċentri jikkonsistu f'żewġt ikmamar fejn in-nies jistennew u kamra fejn jitwettqu l-eżerċizzji, fejn fihom Reha Training ittrażmettiet, matul il-perijodu bejn ix-xahar ta' Ġunju 2012 u x-xahar ta' Ġunju 2013, permezz ta' televiżjonijiet li kienu hemmhekk installati, programmi televiżivi. Il-persuni li kienu preżenti fiċ-ċentru ta' riabilitazzjoni sabiex isegwu trattament setgħu għalhekk jaraw dawn ix-xandiriet.

18. Reha Training qatt ma talbet l-awtorizzazzjoni għax-xandir min-naħa ta' GEMA. Din tal-aħħar tqis li tali xandir jikkostitwixxi att ta' komunikazzjoni lil pubbliku ta' xogħlijiet li jappartjenu lir-repertorju li hija tiġġestjona. Għal din ir-raġuni, hija talbet il-ħlas, għall-perijodu mix-xahar ta' Ġunju 2012 sax-xahar ta' Ġunju 2013, ta' ammonti li ġew ikkalkolati abbażi tat-tariffi fis-seħħ bħala danni.

19. L-Amtsgericht Köln (qorti distrettwali ta' Köln) laqgħet dan ir-rikors. Reha Training ippreżentat appell mis-sentenza mogħtija fl-ewwel istanza quddiem il-Landgericht Köln (qorti reġjonali ta' Köln).

6 — BGBl. 1965 I, p. 1273.

20. Il-qorti tar-rinviju tqis, abbażi tal-kriterji stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tad-Direttiva 2001/29, li l-kwistjoni fil-kawża prinċipali hija waħda ta' komunikazzjoni lill-pubbliku. Din il-qorti tibda mill-premessa, barra minn hekk, li għandhom japplikaw l-istess kriterji sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx "komunikazzjoni lill-pubbliku" fis-sens tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115. L-imsemmija qorti tqis, madankollu, li hija ma tistax tiddeċiedi f'dan is-sens minħabba s-sentenza SCF (C-135/10, EU:C:2012:140).

21. Fil-fatt, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-pazjenti fi klinika ta' dentist ma humiex "persuni b'mod ġenerali". Fil-kawża preżenti, peress li, fil-prinċipju, ma hemmx persuni oħra għajr il-pazjenti ta' Reha Training li għandhom aċċess għat-trattament offert minn din tal-aħħar, dawn il-pazjenti ma jistgħux jikkostitwixxu "persuni b'mod ġenerali" iżda "grupp privat".

22. Fl-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset ukoll li l-pazjenti fi klinika ta' dentist jikkostitwixxu numru żgħir, anki insinjifikattiv, ta' persuni, peress li l-kategorija kkostitwita mill-persuni preżenti simultanjament f'din il-klinika hija, ġeneralment, żgħira ħafna. Issa, il-kategorija ta' persuni kkostitwita mill-pazjenti ta' Reha Training tidher ukoll li hija limitata.

23. Barra minn hekk, fis-sentenza tagħha SCF (C-135/10, EU:C:2012:140), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-pazjenti abitwali fi klinika ta' dentist ma jkollhomx l-intenzjoni li jisimgħu l-mużika f'dik il-klinika, peress li jgawdu din il-mużika b'mod inċidentali biss u indipendentement mix-xewqat tagħhom. Issa, f'dan il-każ, il-pazjenti ta' Reha Training kienu jirċievu wkoll il-programmi televiżivi, minħabba l-fatt li kienu jsibu ruħhom fil-kmamar fejn in-nies jistennew u f'kamra fejn jitwettqu l-eżerċizzji indipendentement mix-xewqat u mill-għażliet tagħhom.

24. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Landgericht Köln (qorti reġjonali ta' Köln) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-kwistjoni tal-eżistenza ta' 'komunikazzjoni lill-pubbliku' fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u/jew fis-sens tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115, għandha dejjem tiġi ddeterminata skont l-istess kriterji, jiġifieri:

— utent jaġixxi b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi tal-atti tiegħu sabiex jagħmel xogħol protett aċċessibbli għal terzi li, altrimenti, ma kienx ikollhom aċċess għalih;

— 'pubbliku' tfisser numru indeterminat ta' riċevituri potenzjali ta' provvista, numru li, barra minn hekk, għandu jkun pjuttost kunsiderevoli, fejn in-natura indeterminata tkun preżunta meta jkunu involuti "persuni b'mod ġenerali", u għalhekk mhux persuni li jagħmlu parti minn grupp privat, filwaqt li "numru ta' persuni pjuttost kunsiderevoli" jippreżumi li jinqabeż ċertu livell minimu, kriterju li ma jkunx issodisfatt meta n-numru tal-persuni kkonċernati jkun żgħir wisq jew saħansitra insinjifikattiv. F'dan il-kuntest, ma huwiex rilevanti biss in-numru ta' persuni li jkollhom aċċess għall-istess xogħol simultanjament iżda wkoll in-numru ta' persuni li jkollhom aċċess suċċessivament għal dan ix-xogħol;

— ikun involut pubbliku ġdid, li lilu jkun ikkomunikat ix-xogħol, jiġifieri pubbliku li l-awtur tax-xogħol ma kienx ħa inkunsiderazzjoni meta awtorizza l-użu tiegħu fil-forma ta' komunikazzjoni lill-pubbliku, sakemm il-komunikazzjoni sussegwenti ma titwettaqx skont proċedura teknika speċifika li tkun distinta minn dik tal-komunikazzjoni inizjali, u

— il-fatt li l-użu kkonċernat jitwettaq għal skopijiet ta' lukru u, barra minn hekk, li l-pubbliku jkun jixtieq jirċievi din il-komunikazzjoni u ma jkunx sempliċement irċeviha b'mod mhux intenzjonat, ma huwiex irrilevanti iżda ma huwiex kundizzjoni neċessarja għal komunikazzjoni lill-pubbliku?

2) F'każijiet bħal dak fil-kawża prinċipali, fejn l-operatur ta' ċentru ta' riabilitazzjoni jinstalla fil-bini tiegħu apparati ta' televiżjoni, li jittrażmettilhom sinjal li jippermetti r-riċezzjoni ta' emissjonijiet ta' televiżjoni [programmi televiżivi], għandha tiġi evalwata l-kwistjoni ta' jekk hemmx komunikazzjoni lill-pubbliku skont il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" li jinsab fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 jew fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115, meta l-emissjonijiet li r-riċezzjoni tagħhom tkun saret possibbli jaffettwaw id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet protetti ta' numru kbir ta' partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari kompożituri, awturi ta' testi mużikali u edituri ta' mużika, kif ukoll artisti li jinterpretaw jew idoqqu mużika, produtturi ta' fonogrammi u awturi ta' testi kif ukoll l-edituri tagħhom?

3) F'każijiet bħal dak fil-kawża prinċipali, fejn l-operatur ta' ċentru ta' riabilitazzjoni jinstalla fil-bini tiegħu apparat ta' televiżjoni, li jittrażmettilhom sinjal li jippermetti r-riċezzjoni ta' emissjonijiet ta' televiżjoni [programmi televiżivi] b'tali mod li l-pazjenti tiegħu jkunu jistgħu jaraw dawn l-emissjonijiet, ikun hemm "komunikazzjoni lill-pubbliku" fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 jew fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115?

4) Meta, f'każijiet bħal dak fil-kawża prinċipali, tiġi rrikonoxxuta l-eżistenza ta' komunikazzjoni lill-pubbliku f'dan is-sens, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma l-ġurisprudenza tagħha fis-sens li, fil-każ ta' komunikazzjoni ta' fonogrammi protetti fil-kuntest ta' emissjonijiet ta' xandir indirizzati lil pazjenti fi klinika ta' dentist (ara s-sentenza tal-15 ta' Marzu 2012, C-135/10, SCF) jew fi stabbilimenti oħra simili, ma jkunx hemm komunikazzjoni lill-pubbliku?"

III – **Analiżi tiegħi**

A – *Il-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", imsemmi fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115, huma identiċi?*

25. Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, jekk il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", imsemmi fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115, għandux jiġi interpretat fid-dawl tal-istess kriterji ta' evalwazzjoni.

26. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-interpretazzjoni uniformi tal-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, għal dak li għandu x'jaqsam mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115, dan il-kunċett jintuża fihom f'kuntesti li ma humiex identiċi u huwa intiż għal skopijiet, ċertament simili, iżda madankollu parzjalment diverġenti [7]. Fil-fatt, dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jagħtu lid-destinatarji rispettivi tagħhom drittijiet ta' natura differenti.

27. B'hekk, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 jagħti lill-awturi dritt ta' natura preventiva li jippermettilhom jintervjenu bejn l-utenti eventwali tax-xogħol tagħhom u l-komunikazzjoni lill-pubbliku li dawn l-utenti jipprevedu li jistgħu jwettqu, u dan sabiex jipprojbixxuha. L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 jikkonċedi, min-naħa tiegħu, lill-artisti u lill-produtturi tal-fonogrammi dritt ta' natura kumpensatorja, li ma jistax jiġi eżerċitat qabel ma fonogramm li jkun ippubblikat għal finijiet kummerċjali, jew riproduzzjoni ta' dan il-fonogramm, jintuża jew ikun diġà ntuża għal komunikazzjoni lill-pubbliku permezz ta' utent [8].

7 — Sentenza SCF (C-135/10, EU:C:2012:140, punt 74).

8 — Sentenza SCF (C-135/10, EU:C:2012:140, punt 75).

28. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 jimplika interpretazzjoni individwalizzata tal-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" [9]. Barra minn hekk, id-dritt intiż minn din id-dispożizzjoni huwa wieħed essenzjalment ta' natura ekonomika [10].

29. Sabiex jiġi ddeterminat jekk utent iwettaqx att ta' komunikazzjoni lill-pubbliku, il-qorti nazzjonali għandha tipproċedi għal evalwazzjoni globali tas-sitwazzjoni, billi tieħu inkunsiderazzjoni diversi kriterji komplementari, ta' natura mhux awtonoma u interdipendenti ma' xulxin. Dawn il-kriterji li l-intensità tagħhom tista' tvarja skont is-sitwazzjonijiet konkreti differenti, għandhom jiġu applikati kemm individwalment kif ukoll fl-interazzjoni tagħhom ma' xulxin [11].

30. Madankollu, il-fatt li l-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" jintuża f'kuntesti differenti u jsegwi skopijiet diverġenti, skont kif previst fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115, ma jikkostitwixxix, fl-opinjoni tiegħi, raġuni suffiċjenti sabiex jiġi ġġustifikat l-użu ta' kriterji ta' evalwazzjoni differenti.

31. Fil-fatt, kif diġà enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja, id-Direttiva 2001/29 hija msejsa fuq prinċipji u fuq regoli diġà stabbiliti mid-direttivi li huma fis-seħħ fil-qasam tal-proprjetà intellettwali, bħalma hija d-Direttiva 92/100 li ġiet ikkodifikata bid-Direttiva 2006/115 [12].

32. Issa, sabiex jiġu osservati r-rekwiżiti tal-unità u tal-koerenza tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, huwa importanti li l-kunċetti użati minn dawn id-direttivi kollha jkollhom l-istess sinjifikat, sakemm il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jkunx esprima, f'kuntest leġiżlattiv speċifiku, rieda differenti [13].

33. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikorriet, barra minn hekk, għall-kriterji li hija kienet applikat fil-ġurisprudenza tagħha relatata mal-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 sabiex tinterpreta l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 [14].

34. Fl-aħħar nett, kif bir-raġun tindika GEMA, in-natura differenti tad-drittijiet protetti fil-kuntest tad-Direttivi 2001/29 u 2006/115 ma tistax taħbi l-fatt li dawn id-drittijiet jirriżultaw mill-istess element li jagħti lok għal dan, jiġifieri l-komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħlijiet protetti [15].

35. Fl-opinjoni tiegħi, l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", stipulat fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115, għandha ssir għalhekk fid-dawl tal-istess kriterji ta' evalwazzjoni.

B – *Dwar l-applikazzjoni magħquda tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115*

36. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk fil-kawża preżenti, il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" għandux jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 jew inkella fid-dawl tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115.

9 — Sentenza SCF (C-135/10, EU:C:2012:140, punt 76).

10 — Sentenza SCF (C-135/10, EU:C:2012:140, punt 77).

11 — Sentenza SCF (C-135/10, EU:C:2012:140, punt 79).

12 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Football Association Premier League *et* (C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631, punt 187 u l-ġurisprudenza ċċitata).

13 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Football Association Premier League *et* (C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631, punt 188).

14 — Ara s-sentenzi SCF (C-135/10, EU:C:2012:140, punti 81 sa 92) u Phonographic Performance (Ireland) (C-162/10, EU:C:2012:141, punti 31 sa 38).

15 — Ara l-punt 19 tal-osservazzjonijiet ta' GEMA.

37. Kif diġà indikajt, is-sistemi ta' protezzjoni stabbiliti rispettivament permezz tad-Direttivi 2001/29 u 2006/115 huma ċertament diverġenti, kemm fid-dawl tal-iskop tagħhom kif ukoll tad-destinatarji tagħhom.

38. Dan premess, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, il-kawża preżenti tolqot mhux biss id-drittijiet tal-awtur kif iggarantiti mill-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, iżda wkoll dawk tal-artisti u tal-produtturi tal-fonogrammi kif iggarantiti mill-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115.

39. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, barra minn hekk, li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/29 għandhom japplikaw bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/100 (kodifikata bid-Direttiva 2006/115), sakemm id-Direttiva 2001/29 ma tipprovdix xorta oħra [16].

40. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, fl-opinjoni tiegħi, kemm l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 kif ukoll l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 jistgħu jiġu applikati f'sitwazzjoni bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

C – *Fuq l-identifikazzjoni tal-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" u l-verifika tagħhom fil-kawża preżenti*

41. Permezz tat-tieni parti tal-ewwel domanda tagħha, kif ukoll permezz tat-tielet u tar-raba' domandi tagħha, li fl-opinjoni tiegħi għandhom jiġu ttrattati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, jekk l-Artikoli 3(1) tad-Direttiva 2001/29 kif ukoll l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li sitwazzjoni bħala dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn l-operatur ta' ċentru ta' riabilitazzjoni jinstalla fil-bini tiegħu stess apparati ta' televiżjoni, li lilhom jittrażmetti sinjal li jippermetti r-riċezzjoni ta' programmi televiżivi mill-pazjenti tiegħu, tikkostitwixxi "komunikazzjoni lill-pubbliku".

42. Il-kwistjoni tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" tat lok għal nuqqas ta' qbil kunsiderevoli.

43. Sabiex jiġu osservati r-rekwiżiti ta' interpretazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni u l-prinċipju ta' ugwaljanza, it-termini ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma jinkludu ebda riferiment speċifiku għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu stabbiliti s-sens u l-portata għandhom jiġu interpretati b'mod awtonomu u uniformi fl-Unjoni Ewropea kollha [17].

44. Għalhekk, f'ġurisprudenza li hija kunsiderevoli daqs kemm hija stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja ffavorixxiet interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku". Sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' komunikazzjoni lill-pubbliku, hija applikat erba' kriterji ta' evalwazzjoni, jiġifieri l-eżistenza ta' "att ta' komunikazzjoni" li permezz tiegħu r-rwol tal-utent huwa indispensabbli, il-komunikazzjoni ta' xogħol protett lil "pubbliku", in-natura "ġdida" ta' dan il-pubbliku u n-natura ta' "qligħ" tal-komunikazzjoni.

45. Fl-ewwel lok, il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" jinkludi żewġ elementi kumulattivi, jiġifieri "att ta' komunikazzjoni" ta' xogħol u l-komunikazzjoni ta' dan ix-xogħol lil "pubbliku" [18]. Minħabba n-natura kumulattiva ta' dawn iż-żewġ kriterji, ma jistax ikun hemm komunikazzjoni lill-pubbliku jekk wieħed minn dawn l-elementi ma jkunx issodisfatt.

16 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Luksan (C-277/10, EU:C:2012:65, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

17 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza SGAE (C-306/05, EU:C:2006:764, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza SBS Belgium (C-325/14, EU:C:2015:764, punt 15 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-"att ta' komunikazzjoni", huwa meħtieġ li wieħed jinsisti dwar in-natura indispensabbli tal-utent li għandu jaġixxi b'mod deliberat. Fil-fatt, att ta' komunikazzjoni jitwettaq meta l-utent jaġixxi b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi tal-aġir tiegħu, sabiex jagħti aċċess għal xogħol protett lill-klijenti tiegħu [19]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li huwa meħtieġ li l-intervent tal-utent jikkostitwixxi mhux sempliċi mezz tekniku sabiex tiġi ggarantita jew tittejjeb ir-riċezzjoni tax-xandir ta' oriġini fiż-żona ta' kopertura tiegħu, iżda att li mingħajru dawn il-klijenti ma jkunux jistgħu jgawdu minn xogħlijiet trażmessi, minkejja li jkunu jinsabu fl-imsemmija żona [20].

47. Barra minn hekk, il-kunċett ta' "komunikazzjoni" għandu jinftiehem f'sens wiesgħa bħala wieħed li jkopri kull trażmissjoni ta' xogħol protett, irrispettivament mill-mezz jew mill-proċess tekniku użati [21].

48. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-operaturi ta' kafetterija-ristorant, ta' lukanda jew ta' stabbiliment termali, ikunu qed iwettqu att ta' komunikazzjoni meta jittrażmettu lil klijentela tagħhom, b'mod deliberat, xogħlijiet protetti, bid-distribuzzjoni volontarja ta' sinjal permezz ta' riċevituri tat-televiżjoni jew tar-radju li jkunu installaw fl-istabbiliment tagħhom [22].

49. Kif semmiet il-Landgericht Köln (qorti reġjonali ta' Köln) fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, Reha Training installat, f'żewġt ikmamar fejn in-nies jistennew u fil-kamra fejn jitwettqu l-eżerċizzji ġewwa ċ-ċentru ta riabilitazzjoni li hija topera, apparati ta' televiżjoni li lilhom deliberatament bagħtitilhom sinjal, li b'hekk kien jippermetti lill-pazjenti tagħha li jkollhom aċċess għal programmi televiżivi.

50. Għalhekk, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija iktar 'il fuq, ma hemm l-ebda dubju, fl-opinjoni tiegħi, li Reha Training, b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi tal-att tagħha, tat aċċess għal xogħlijiet protetti lill-pubbliku kkostitwit mill-pazjenti tagħha, u b'hekk wettqet "att ta' komuikazzjoni".

51. Fir-rigward tal-kriterju relatat mal-komunikazzjoni lil "pubbliku", għandu jikkwalifika bħala "pubbliku", numru indeterminat ta' destinatarji potenzjali, li jimplika numru ta' persuni pjuttost kunsiderevoli [23].

52. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li għandu jitqies l-effett kumulattiv li jirriżulta mit-tqegħid għad-dispożizzjoni tax-xogħlijiet mad-destinatarji potenzjali. Għalhekk, għandu jitqies mhux biss in-numru ta' persuni li għandhom aċċess parallel għall-istess xogħol, iżda wkoll in-numru ta' persuni li suċċessivament ikollhom aċċess għalih [24].

53. Barra minn hekk, il-komunikazzjoni għandha ssir lil pubbliku li ma jkunx preżenti fil-post tal-oriġini tal-komunikazzjoni, li jeskludi l-atti diretti ta' rappreżentazzjoni jew ta' eżekuzzjoni tax-xogħol protett [25].

19 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza OSA (C-351/12, EU:C:2014:110, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

20 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Football Association Premier League *et* (C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631, punti 194 u 195 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, is-sentenzi SCF (C-135/10, EU:C:2012:140, punt 82) u Phonographic Performance (Ireland) (C-162/10, EU:C:2012:141, punt 31).

21 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza OSA (C-351/12, EU:C:2014:110, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 — Ara, rispettivament, is-sentenzi Football Association Premier League *et* (C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631, punt 196); Phonographic Performance (Ireland) (C-162/10, EU:C:2012:141, punt 40), u OSA (C-351/12, EU:C:2014:110, punt 26).

23 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza OSA (C-351/12, EU:C:2014:110, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza OSA (C-351/12, EU:C:2014:110, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Football Association Premier League*et* (C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631, punt 200) kif ukoll Circul Globus București (C-283/10, EU:C:2011:772, punti 36, 37 u 40).

54. Il-qorti tar-rinviju għandha d-dubji tagħha dwar il-possibbiltà li jiġu kklassifikati bħala "pubbliku", il-pazjenti ta' ċentru ta' riabilitazzjoni bħal dak operat minn Reha Training. Dawn id-dubji joriġinaw mis-sentenza SCF (C-135/10, EU:C:2012:140), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-klijentela ta' dentist, li l-kompożizzjoni tagħha hija ampjament stabbilita, tikkostitwixxi grupp ta' destinatarji potenzjali stabbilit, li n-numru tiegħu li kellu aċċess simultanju għall-istess xogħol huwa żgħir [26].

55. L-attitudni restrittiva li ħadet għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja f'din is-sentenza jidhirli li twarrab il-ġurisprudenza stabbilita minnha stess. Għalhekk, inqis li l-portata tas-sentenza SCF (C-135/10, EU:C:2012:140) ma għandhiex tiġi estiża, iżda, għall-kuntrarju, limitata għall-kuntest fattwali partikolari li ta lok għal dik is-sentenza. Fil-fatt, applikazzjoni tar-raġonament li l-Qorti tal-Ġustizzja għamlet fl-imsemmija sentenza, għal sitwazzjoni bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tkun, f'għajnejja, wisq restrittiva fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati u kontra l-protezzjoni għolja, mixtieqa mil-leġiżlatur tal-Unjoni u implementata mill-Qorti tal-Ġustizzja nnifisha fil-ġurisprudenza stabbilita tagħha.

56. Skont din il-ġurisprudenza, it-terminu "pubbliku" għandu jiġi interpretat b'kuntrast ma' persuni ddeterminati li jappartjenu fi "grupp privat" ta' persuni. Issa, b'differenza minn dak li ġie deċiż mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha SCF (C-135/10, EU:C:2012:140), il-klijentela taċ-ċentru ta' riabilitazzjoni operat minn Reha Training, li l-kompożizzjoni tagħha konstantement tevolvi tul iż-żjarat, żgur li tikkostitwixxi, fl-opinjoni tiegħi, ġabra indeterminata ta' persuni, li barra minn hekk hija potenzjalment sinjifikattiva.

57. F'dan ir-rigward, kuntrarjament għal dak li jirriżulta minn din is-sentenza, sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' pubbliku, infakkar li huwa meħtieġ li mhux biss jitqiesu persuni li għandhom aċċess simultanjament għall-istess xogħol, iżda wkoll persuni li suċċessivament ikollhom aċċess għalih [27].

58. Issa, il-pazjenti ta' ċentru ta' riabilitazzjoni bħal dak operat minn Reha Training, b'konsultazzjonijiet li jdumu medja bejn 30 u 60 minuta [28], jinbidlu b'mod iktar rapidu mill-klijenti ta' lukanda, ta' kafetterija-ristorant jew inkella dawk ta' stabbiliment termali [29]. Iċ-ċentru ta' riabilitazzjoni operat minn Reha Training jista' jilqa' għalhekk simultanjament u suċċessivament numru ta' persuni indeterminat u sinjifikattiv li għandhom aċċess, sew fil-kmamar fejn in-nies jistennew u sew fil-kamra fejn jitwettqu l-eżerċizzji, għal xogħlijiet protetti, b'mod li din il-klijentela għandha titqies bħala "pubbliku".

59. Ma' dawn iż-żewġ kriterji kumulattivi jiżdied, sussegwentement, dak tal-"pubbliku ġdid".

60. Il-kriterju tal-"pubbliku ġdid" ġie impost mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha SGAE (C-306/05, EU:C:2006:764) u ġie sussegwentement ikkonfermat f'bosta deċiżjonijiet, b'mod partikolari fis-sentenza Football Association Premier League *et* (C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631), mogħtija fl-Awla Manja.

61. Sa fejn huwa meħtieġ, f'sitwazzjoni bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jiġi eżaminat dan il-kriterju ta' "pubbliku ġdid", ma hemm l-ebda dubju, fl-opinjoni tiegħi, li l-imsemmi kriterju huwa ssodisfatt.

26 — Sentenza SCF (C-135/10, EU:C:2012:140, punti 95 u 96).

27 — Ara l-punt 52 ta' dawn il-konklużjonijiet.

28 — Ara l-punt 5 tal-osservazzjonijiet ta' Reha Training.

29 — Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenzi tagħha SGAE (C-306/05, EU:C:2006:764); Football Association Premier League *et* (C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631), kif ukoll OSA (C-351/12, EU:C:2014:110), li l-klijentela ta' lukanda, ta' kafetterija-ristorant u ta' stabbiliment termali tikkostitwixxi "pubbliku" (ara, rispettivament, il-punti 42, 199 u 32).

62. Fil-fatt, il-kriterju tal-"pubbliku ġdid" jitlob l-eżistenza ta' pubbliku li huwa distint mill-pubbliku intiż mill-att ta' komunikazzjoni oriġinali tax-xogħol [30]. Issa, meta jawtorizza x-xandir tax-xogħol tiegħu, l-awtur jieħu inkunsiderazzjoni, fil-prinċipju, unikament id-detenturi ta' apparati ta' televiżjoni li individwalment jew fl-ambitu privat jew familjari tagħhom, jirċievu s-sinjal u jsegwu x-xandiriet [31].

63. Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li trażmissjoni intenzjonata ta' xogħol imxandar, imwettqa f'post li huwa aċċessibbli għall-pubbliku u mmirata lejn pubbliku supplimentari, ammess mid-detentur tal-apparat tat-televiżjoni sabiex dan jibbenefika mis-smigħ jew mill-viżwalizzazzjoni tax-xogħol, tikkostitwixxi att ta' komunikazzjoni ta' xogħol protett lil pubbliku ġdid [32].

64. Issa, meta Reha Training bagħtet deliberatament is-sinjali lejn is-settijiet tat-televiżjoni li hija installat fil-bini tagħha, hija ppermettiet, lil hinn mill-isfera privata tagħha, ir-riċezzjoni ta' xogħlijiet protetti mill-pazjenti tagħha li jikkostitwixxu pubbliku supplimentari u indirett, li ma kienx previst mill-awturi fil-mument tal-awtorizzazzjoni tax-xandir tax-xogħlijiet tagħhom u, mingħajr l-intervent ta' Reha Training, ma kienx ikun jista' jibbenefika mill-imsemmija xogħlijiet.

65. Fl-aħħar nett, sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' komunikazzjoni lill-pubbliku, l-"iskop ta' lukru" tal-komunikazzjoni jista' jirriżulta rilevanti [33]. Madankollu din ma hijiex kundizzjoni indispensabbli għad-determinazzjoni tal-eżistenza nnifisha tal-komunikazzjoni lill-pubbliku [34].

66. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, sabiex il-komunikazzjoni jkollha skop ta' lukru, huwa meħtieġ li l-pubbliku li huwa s-suġġett tal-komunikazzjoni jkun, minn naħa, dak immirat mill-utent u, min-naħa l-oħra, riċettiv, b'mod jew ieħor, għall-komunikazzjoni tiegħu, u mhux "maqbud" inċidentalment [35].

67. Bħall-Gvern Ġermaniż, inqis madankollu, li r-riċezzjoni tal-pubbliku ma għandhiex titqies bħala element determinanti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza jew le tal-iskop ta' lukru tax-xandir ta' xogħol. Fil-fatt, id-dimensjoni suġġettiva ta' dan il-kriterju, relatat mar-riċezzjoni tal-pubbliku, tagħmlu diffiċli sabiex jintuża fil-prattika [36]. Barra minn hekk, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, "*huwa biżżejjed*, sabiex ikun hemm komunikazzjoni lill-pubbliku, li x-xogħol ikun disponibbli lill-pubbliku b'mod li l-persuni li jikkostitwixxuh *jistgħu* jkollhom aċċess għalih" [37]. L-aċċess effettiv u volontarju tal-pubbliku għal xogħol għalhekk ma huwiex neċessarju sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' komunikazzjoni lill-pubbliku.

68. Għalhekk huwa meħtieġ, fl-opinjoni tiegħi, li ma tiġix applikata, għall-fatti tal-kawża preżenti, is-sentenza SCF (C-135/10, EU:C:2012:140), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-eżistenza tal-iskop ta' lukru tax-xandir ta' fonogrammi fi klinika ta' dentist, għar-raġuni li huwa "b'mod inċidentali u b'mod indipendenti mix-xewqat tagħhom" li l-pazjenti ta' din il-klinika jibbenefikaw mill-aċċess għal dawn il-fonogrammi [38].

30 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza SGAE (C-306/05, EU:C:2006:764, punt 40).

31 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Football Association Premier League *et* (C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631, punt 198 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Football Association Premier League *et* (C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631, punt 198 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Football Association Premier League *et* (C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631, punt 204 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza ITV Broadcasting *et* (C-607/11, EU:C:2013:147, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi SCF (C-135/10, EU:C:2012:140, punt 91) u Phonographic Performance (Ireland) (C-162/10, EU:C:2012:141, punt 37).

36 — Ara, b'mod partikolari, il-punti 50 sa 56 tal-osservazzjonijiet tal-Gvern Ġermaniż.

37 — Ara s-sentenza SGAE (C-306/05, EU:C:2006:764, punt 43). Enfasi hija tiegħi. Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza Padawan (C-467/08, EU:C:2010:620, punt 58).

38 — Sentenza SCF (C-135/10, EU:C:2012:140, punt 98).

69. Min-naħa l-oħra, sabiex jiġi vverifikat jekk il-kriterju ta' skop ta' lukru fir-rigward tax-xandir ta' xogħol huwiex issodisfatt jew le, huwa fl-opinjoni tiegħi determinanti li jiġi eżaminat jekk l-utent jistax jew le jieħu benefiċċju minn tali xandir

70. F'dan ir-rigward, ma hemmx dubju li, meta installat is-settijiet tat-televiżjoni fil-kmamar fejn in-nies jistennew u f'kamra fejn jitwettqu l-eżerċizzji, żoni li fil-parti l-kbira tagħhom huwa frekwentati mill-pazjenti tagħha, Reha Training immirat, b'mod volontarju, għal dawn tal-aħħar sabiex tippermettilhom jibbenefikaw minn programmi televiżivi kemm waqt li jkunu qed jistennew konsulta kif ukoll waqt is-sezzjoni ta' riabilitazzjoni tagħhom.

71. Fl-opinjoni tiegħi, il-kriterju tal-iskop ta' lukru huwa ssodisfatt fil-kawża preżenti. Fil-fatt, ix-xandir tal-programmi televiżivi permezz tas-settijiet tat-televiżjoni, installati fil-kmamar fejn in-nies jistennew jew f'kamra fejn jitwettqu l-eżerċizzji, għandu l-għan li jservi ta' distrazzjoni għall-pazjenti taċ-ċentru u b'mod partikolari li jrendi l-ħin ta' stennija jew dak ta' riabilitazzjoni inqas twil. Din hija provvista ta' servizzi supplimentari li, ċertament, hija għal kollox nieqsa minn kull interess mediku, iżda għandha impatt fuq il-livell u l-attrazzjoni tal-istabbiliment, u tagħtih vantaġġ kompetittiv.

72. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, inqis għalhekk li sitwazzjoni bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn l-operatur ta' ċentru ta' riabilitazzjoni jinstalla, fil-bini tiegħu, apparati tat-televiżjoni, li lilhom jittrażmetti sinjal li jippermetti r-riċezzjoni ta' programmi televiżivi mill-pazjenti tiegħu, tikkostitwixxi "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115.

IV – **Konklużjoni**

73. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi ġej kif għad-domandi preliminari magħmula mil-Landgericht Köln (qorti reġjonali ta' Köln):

1) Il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" għandu jiġi ddefinit fid-dawl tal-istess kriterji, kemm kif intiż fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, kif ukoll tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali.

2) F'sitwazzjoni bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 jistgħu t-tnejn jiġu applikati.

3) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 għandhom jiġu interpretati fis-sens li sitwazzjoni bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn l-operatur ta' ċentru ta' riabilitazzjoni jinstalla, fil-bini tiegħu, apparati tat-televiżjoni, li lilhom jittrażmetti sinjal li jippermetti r-riċezzjoni ta' programmi televiżivi mill-pazjenti tiegħu, tikkostitwixxi "komunikazzjoni lill-pubbliku".